Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 19/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 21 ta' Marzu 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 19:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Assenti
Sur Pierre Dalli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Nutar Burlo	Nutar		Preżenti għall-ewwel parti tal-laqgħa

19. 1 Ittri ta' Apoloġija

19.1.1 Il-President semma li s-Sur Dominic Grima, is-Sur Alfred Zammit kif ukoll is-Sur Marco Agius talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati. Il-President semma li s-Sur Boxall u s-Sur Abela Galea ma kienux informaw li ser ikun skużat, għaldaqstant tniżlu bhala assenti.

19.2 Fondazzjoni Belt Kulturali Ewropea

19.2.1 Il-President ta merħba lill-Nutar Burlo u rringrazzjah talli attenda għal-laqgħa sabiex ikun jista' jagħti spjega tal-proċeduri li hemm bżonn li jiġu addottati sabiex tiġi ffurmata l-Fondazzjoni.

19.2.2 Is-Segretarju spjegat li aktar kmieni wara nofs inhar l-avukat mill-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti li kien ijlu jaħdem għall-aħħar jiem fuq l-abboż tal-Fondazzjoni. Semmiet li aktar kmieni

kienet saret laqgħa online mal-avukat li għaliha kien mistieden il-President kif ukoll is-Sindki sabiex ifhemhom aħjar l-abbozz.

19.2.3 Is-Segretarja għaddiet kopja tad-dokumenti li ħejja l-avukat.

19.2.4 In-Nutar ta ħarsa lejn id-dokumenti u beda jdur l-klawżoli li kien hemm fl-abbozz. In-Nutar semma dawn il-punti:

- Għamdu jkun hem massimu ta' seba' membri fil-Fondazzjoni li skond l-abbozz tnejn minn dawn il-Membri għandhom ikunu s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Birgu.
- Il-fondaturi ser ikunu r-Reġjun Port u l-Kunsill Lokali tal-Birgu.
- Semma li sehem ir-Reġjun Port huwa ta' €200,000 fis-sena filwaqt li dak tal-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa ta' €50,000
- Semma li għandu jkun hemm ukoll advisory board magħmul minn esperti.
- Semma li għandu jkun hemm Uffiċju Eżekuttiv li dan għandu jkun iffurmat minn tliet ħaddiema responsabbli mill-amministrazzjoni, finanzi u marketing.

19.2.5 In-Nutar semma li jkun ideali li l-fundaturi, iġifieri l-President Reġjonali u s-Sindku tal-Kunsill tal-Birgu ma jkunux parti mill-Board tal-Amministraturi.

19.2.6 Il-President semma li minkejja li jidher li hemm qbil fuq il-formazzjoni ta' din il-Fondazzjoni huwa sostna li jekk ir-Reġjun kif ukoll il-Kunsill ma għamlux stima ta' din in-nefqa fl-Estimi finanzjarji taghom, ser ikun hemm implikazzjonijiet finanzjarji fuq ir-Reġjun. Il-President talab lill-Nutar sabiex għalissa jżomm kollox u ma jipproċediex qabel ikun hemm serħan il-moħħ li r-Reġjun ser ikollu allokazzjoni biżejjed sabiex jiffinanzja din l-ispiża.

19.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija ser tkun qiegħda terġa' tirrevedi l-estimi finanzjarji għas-sena 2023 sabiex ir-Reġjun ikun jista' jkollu stampa finanzjarja aktar ċara.

19.2.8 In-Nutar Burlo ħalla l-laqgħa għall-ħabta ta' 18:30.

19.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.18

19.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 18 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

19.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 15

19.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u is-Sur Vincent Borg ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Frar 2023 u l-21 ta' Marzu 2023 li kienet tammonta għall-€259,174.73

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

19.5 Komunikazzjoni oħra mill-President

19.5.1 Ħaddiema RSSL	Il-President semma li l-ħaddiema tal-RSSL huma mqassma mal-Kunsilli Lokali hekk kif kien mitlub mill-Kunsilli Lokali stess. Semma li hemm skedat sa Ottubru 2023.
19.5.2 CCTVS	Il-President semma li kienet qed tingħabar l-informazzjoni. Semma li kellu jibda jġib stimi sabiex jieħu idea ta' spiża u wara jkellem lill-Aġenzija LESA minħabba l-proposta li kien hemm mir-Reġjun sabiex il-qliegħ minn dawn il-cameras jieħdu kollu r-Reġjun sabiex ikompli jinvesti f-infurzar fir-Reġjun. Il-President semma li sa issa kienu l-lokalitajiet ta' Paola, Fgura, Kalkara, Valletta Isla u Żabbar.
19.5.3 Reimborz mill-LESA (spejjeż Tribunal)	Il-President semma li r-Reġjun kien għamel il-claim mal-LESA għall-ispejjeż ta' Tribunal għas-sena 2022. Il-President semma li minkejja li l-LESA laqgħu t-talba tar-Reġjuni, kienu infurmati li għalissa il-ħlas ser ikun pendenti sakemm il-LESA terġa' tinnegozzja ftehim ieħor mar-Reġjuni peress li dak eżistenti kien skada.
19.5.5 Skema għall-latrini awtomatiċi	Il-President semma li kienu għadhom biss ftit Kunsilli Lokali li għaddew lir-Reġjun liema latrini ser ikunu qed jirranġaw. Il-Presiden semma li kien mifthiem fl- aħħar laqgħa, kull Kunsill kien ser jieħu persentaġġ l-istess mill-fond li kien hemm.
19.5.6 Social Impact Assessment	Il-President semma li rhuwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ser jiltaqgħu mal-Fakulta' ta' Social Wellbeing fi ħdan l-Universita' ta' Malta sabiex jibdew d-diskussjonijiet fuq kif ser ikunu fformulat dan l-istudju.
19.5.7 Immaniġjar tal-iskart	Il-President semma li r-Reġjun ħareġ l-fatturi kollha li s' issa kellu joħroġ lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lill-Wasteserv. Is-Sur Wayne Aquilina xtaq jiddikjara li sabiex huwa jħallas il-fatturi li rċieva mingħand ir-Reġjun tal-Port ser jispiċċa jagħlaq il-Kunsill Lokali. Semma li l-Kunsill Lokali tal-Kalkara m'għandux allokazzjoni finanzjarja sabiex iħallas dawn il-fatturi. Il-President semma li jekk il-Kunsill mhuwiex ser iħallas dawn il-fatturi, ir-Reġjun ser jieqaf jiġbor. Is-Sur Aquilina semma li qed jistenna laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

19.5.8 Sejħa għall-Reġistratur u Deputat Reġistratur – Tribunal Lokali	Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-Reġjun irċieva biss applikazzjoni interna waħda għall-post vakant ta' Reġistratur. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jinħatar board għall-intervisiti biss pero l-President ma xtaqx li jkun involut f' dan il-proċess. Il-board ma ġiex iffurmat.
19.5.9 AGM Reġjun Port	Il-President semma li r-Reġjun kien qed jiġbor il-kwotazzjonijiet sabiex isir l-AGM. Semma li minn xi kwotazzjonijiet li nġabru din l-attivita' ser tammonta għal madwar €30,000. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, l-Eżekuttiv approva li l-AGM għandu jsir kif propost. Il-President semma li dan ser isir nhar 21 ta' Ġunju ġewwa l-Argotti.
19.5.10 Wine Festival	Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jikkontribbwixxi sa €7,000 sabiex ikun organizzat il-wine festival ġewwa l-Argorri bejn 21 u 25 ta' Ġunju. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva din l-ispiża.
19.5.11 Allokazzjoni Reġjun Port	Il-President semma li meta r-Reġjun rċieva l-allokazzjoni finanzjarja għall-ewwel kwar tas-sena 2023, ir-Reġjun irċieva kważi €44,000 inqas mis-soltu. Dawn huma ekwivalenti għas-salarji tal-managers li r-Reġjun kien għadu ma mpjegax. Il-President semma li dan l-ammont tnaqqas f' daqqa mingħajr workings ta' x' kien imnaqqas. Il-President semma li dan ser jimpatta serjament l-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun.
19.5.12 Attivita' Kulturali Kunsill Lokali Żabbar	Il-President semma li kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali Żababr sabiex ir-Reġjun jiffinanzja is-somma ta' €10,000 sabiex issir din l-attivita'. Is-Sur Jorge Grech semma li l-ħsieb huwa li jingħaqdu l-każini tal-baned sabiex jagħmlu serata mużikali – Tribute Night. Il-President semma lihuwa ma jsibx oġezzjoni basta li l-Kunsill jinvolvi l-kumplament tal-Kunsilli Lokali filwaqt li jippromovi l-isem tar-Repjun. Is-Sur John Boxall semma li dan għandu jkun l-approġġ li jrid jieħu r-Reġjun, semma li r-Reġjun irrid jikkontribbwixxi għal dawn it-tip ta' attivitajiet u semma li għandhom jiġuddedikati €10,000 għal kull Kunsill Lokali sabiex jagħmel attivita'. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Boxall, il-kumtat approva kemm l-kontribut ta' €10,000 għall-Kunsill Lokali Żabbar imma wkoll li kul Kunsill għandu jipi bil-proposta tiegħu u jieħu sa massimu ta' €10,000.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

19.5.13 Tribunal Lokali	Il-President semma li kienu ġew irrapurtati ħsarat estensivi ġewwa l-Awla. Semma li daħlu ilmenti stess tal-ħaddiema li jaħdmu fl-awla u li dawn ma jridux jibqgħu jinżlu jaħdmu fiha. Il-President semma li r-Reġjun iħallas €1,600 fix-xhar lill-Kunsill Lokali Żejtun u suppost huma responsabbli mill-manutenzjoni tal-binja. Semma li tqabbad Perit mir-Reġjun sabiex joħroġ rapport finali fuq il-kondizzjoni tal-binja. Semma li r-rapport għadu għaddej.

19.6 Aġġornament

19.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 25 t' April 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Sa. Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv